# Minn Ġrajjiet il-Qala

## L-Istorja tal-Istatwi

***Xi tagħrif hu meħud mill-ħarġa ta' Leħen il-Qala, April 1986 artiklu ta' Anton Buttugieg P.E.P.***

# Madonna tar-Rużarju

Din hi statwa tassew artistika, waħda mill-isbaħ li ħadem Wistin Camileri fil-karriera twila tiegħu. Imsawra fil-kartapesta, il-Madonna qiegħda bil-wieqfa fuq sħaba, bil-Bambin f'idha x-xellugija waqt li fil-leminija jkollha l-kuruna tar-Rużarju jew iċ-ċintura skond iċ-ċirkostanzi.

Ħdejn riġlejha, fuq l-istess sħaba naraw żewġ anġli wieħed minnhom bis-sejf mislut lest biex jolqot lid-dragun mgħaffeġ taħt saqajha.

Waslet fir-raħal qrib it-tmiem tas-sena 1929 fi żmien il-kappillan Dun Ġużepp Vella, iżda ġiet imbierka mill-isqof Gonzi f'Lulju 1930, wara li kienu lesti l-pedestall u l-erba' anġli li hemm fuq il-mensli tiegħu xogħol ta' l-istess Wistin Camilleri. L-istatwa swiet Lm14.00.

Il-pedestall ħadmu Benjamin Tonna fuq disinn tiegħu stess. Ta' xogħlu tħallas Lm12.00. L-induratur tal-pedestall kien Ġużepp Farrugia li ħa s-somma ta' Lm12.00 oħra. L-ispejjeż kollha ta' Lm38.00 ħallsithom Lorenza armla Buttigieg. Kmieni fis-snin sittin l-istatwa ġiet indurata minn Pawlu Francalanza.

Fl-ewwel snin tagħha l-istatwa kienet miżmuma fl-istess niċċa fejn kienet il-Madonna taċ-Ċintura ta' qabilha, jiġifieri f'dik li għandu San Ġużepp illum. Damet fiha sa meta ntemm it-tkabbir tal-korsija fl-1934. F'din iż-żieda saret niċċa ġdida fejn qabel kien hemm il-fonti tal-Magħmudija.

L-istess bħal dik ta' San Ġużepp, aktar 'il quddiem lin-niċċa sarulha xi tibdiliet. Fl-1954 naġru l-faċċata li kellha u flokha bnew dik li hemm illum fuq disinn tal-Kav. Vincenzo Bonello, bniedem tassew imħarreġ fl-arti sagra u fl-arkitettura. Wara kollox, Bonello bejn wieħed u ieħor mexa wara l-perit Ugo Mallia kif nistgħu naraw fil-bibien tal-ġnub tan-navi minnaħa ta' ġewwa. Nippreċiża ħaġa. Ma kienx il-perit Mallia li għamel id-disinn tal-faċċata tan-niċeċ fl-1934. Dan kien sar minn persuna oħra.

It-tieni tibdil fin-niċċa sar fl-1978 meta żejnuha bid-dekorazzjoni li għandha taħt it-tmexxija tal-pittur Pawlu Camilleri Cauchi. Saritilha wkoll vetrina ġdida tal-kawba maħduma minn Karmnu Portelli, l-istess wieħed li ħadem il-vetrina tan-niċċa ta' San Ġużepp. Ix-xogħol tal-ġebel, kemm tal-faċċata tan-niċeċ kemm ta' ġewwa wettqu Toni Portelli, fl-istess żmien li għamel it-tibdil fin-niċċa ta' San Ġużepp.

Nota:
Fl-1997 sar restawr fiż-żebgħa u l-induratura tal-faċċata tan-niċċa mis-Sur Joe Mifsud.

Matul ix-xahar ta' Ġunju u Lulju ta' din is-sena, din l-istatwa għażiża tal-Madonna tar-Rużarju li kellha ħsara konsiderevoli ġiet fdata għar-restawrazzjoni fl-idejn ta' l-artista u statwarju Michael Camilleri Cauchi, iben l-istess statwarju li ħadimha. Propju fil-ġimgħa tal-festa, din l-istatwa reġgħet lura fil-knisja għad-devozzjoni tal-poplu. Nhar il-Ħadd, 3 ta' Ottubru, ħarġet purċissjonalment mat-toroq tar-raħal fl-okkażjoni tal-festa tar-Rużarju.

